# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/901/PESK

## tat-2 ta' Diċembru 2008

## dwar missjoni ta' inkjesta internazzjonali indipendenti dwar il-konflitt fil-Ġeorġja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 23(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Settembru 2008, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-Unjoni Ewropea hija lesta li timpenja ruħha biex tappoġġa l-isforzi kollha bil-ħsieb ta' soluzzjoni paċifika u dejjiema għall-konflitti fil-Ġeorġja, u li hija lesta tappoġġa miżuri ta' bini ta' fiduċja.

(2) Fil-15 ta' Settembru 2008, il-Kunsill appoġġa l-idea ta' inkjesta internazzjonali indipendenti dwar il-konflitt fil-Ġeorġja.

(3) Is-Sinjura Heidi TAGLIAVINI għandha tinħatar bħala Kap ta' din il-Missjoni ta' Inkjesta,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Kap tal-missjoni ta' inkjesta internazzjonali indipendenti u termini ta' referenza**

1. Is-Sinjura Heidi TAGLIAVINI hija b'dan maħtura kap tal-missjoni ta' inkjesta internazzjonali indipendenti dwar il-konflitt fil-Ġeorġja, minn hawn 'il quddiem imsejħa "missjoni ta' inkjesta", mit-2 ta' Diċembru 2008 sal-31 ta' Lulju 2009.

2. Il-missjoni ta' inkjesta għandha l-għan li tinvestiga l-oriġini u l-iżvilupp tal-konflitt fil-Ġeorġja, inkluż skond id-dritt internazzjonali ([1]), id-dritt umanitarju u d-drittijiet tal-bniedem, u dwar l-akkużi magħmulin f'dan il-kuntest ([2]). L-ambitu tal-investigazzjoni, kemm ġeografiku kif ukoll temporali, ser ikun wiesa' biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu ddeterminati l-kawżi kollha possibbli tal-konflitt. Ir-riżultati tal-inkjesta ser jiġu ppreżentati lill-partijiet għall-konflitt, kif ukoll lill-Kunsill, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u lill-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), fil-forma ta' rapport.

3. Il-kap tal-missjoni ta' inkjesta huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-objettivi tal-missjoni ta' inkjesta. Huwa għandu jistabbilixxi, b'indipendenza totali, il-proċeduri u l-metodi ta' ħidma tal-missjoni ta' inkjesta, kif ukoll il-kontenut tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2.

*Artikolu 2*

**Finanzjament**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-missjoni ta' inkjesta huwa ta' EUR 1 600 000 għall-perijodu mit-2 ta' Diċembru 2008 sal-31 ta' Lulju 2009.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont previst fil-paragrafu 1 għandha tkun eliġibbli mit-2 ta' Diċembru 2008.

3. Il-ġestjoni tan-nefqa għandha ssir skond ir-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej. Hija għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn il-kap tal-missjoni ta' inkjesta u l-Kummissjoni.

4. Il-kap tal-missjoni ta' inkjesta għandu jagħti rendikont tan-nefqa kollha lill-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

**Kompożizzjoni tal-missjoni ta' inkjesta**

Il-kompożizzjoni tal-missjoni ta' inkjesta għandha tiġi deċiża mill-kap tal-missjoni. Hija għandha tkun komposta minn esperti rikonoxxuti, b'mod partikolari avukati, storiċi, personal militari u esperti dwar id-drittijiet tal-bniedem.

*Artikolu 4*

**Evalwazzjoni**

L-implimentazzjoni ta' din id-deċiżjoni għandha tiġi eżaminata mill-Kunsill qabel il-31 ta' Lulju 2009.

*Artikolu 5*

**Dħul b'effett u skadenza**

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiskadi fil-31 ta' Lulju 2009.

*Artikolu 6*

**Pubblikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 2 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. LAGARDE

([1]) Inkluż l-Att Finali ta' Ħelsinki.
([2]) Inkluż l-allegazzjonijiet ta' reati tal-gwerra.